## AHNA WLIED ALLA……IRRIDU NGHIXU T'HEKK

Meta ahna ircevejna l-Maghmudija, nizlet fuqna l-grazzja t'Alla biex nghixu il-vokazzjoni taghna ta' ulied Alla. Aktar ma kbirna aktar zdied it-tfixkil. U biex nilqghu ghal dan it-tfixkil kotrot fina l-grazzja t'Alla hekk kif rcevejna l-Grizma ta'l-Isqof. Aktar ma wiehed jikkopera ma' dawn l-ghajnuniet t'Alla aktar jhares bil-perfezzjoni il-ligi tieghu li tingabar fi tnejn: **Hobb lil Mulej Alla tieghek b'qalbek kollha, b'ruhek kollha u sahhtek kollha. Dan u l-ewwel u l-aqwa kmandament. It-tieni jixbah lil dan: Hobb il-proxxmu tieghek bhalek inniffsek**.




Issa jista' xi hadd itemm din il-ligi jekk ma jkunx cahad lilu niffsu u jekk ma jkunx iddistakka qalbu minn niesu u minn kull ma ghandu? Zgur li le. Ghalhekk mela zommha dejjem quddiem ghajnejk u xejn la taghmel izjed prezzjuz minnha, anqas 'il hajtek stess.

Biex wiehed ihobb lil Alla irid jaghmel ir-rieda Tieghu li bosta drabi thabbatha mar-rieda taghna. In-natura taghna meta tigi f'konflitt mal-volonta' t'Alla tirribella izda hawn fejn tidhol l-grazzja li flimkien mar-rieda tajba taghna tbaxxi rasha ghar-rieda aktar perfetta tal-Mulej. Minn hawn ningharfu li ahna xhieda awtentici ta' Alla, li nwarrbu x-xewqat kollha taghna biex inwettqu dawk li jurina l-Mulej. Tehtieg sagrificcju li tmur kontra dak li tixtieq inti, izda wissiena Gesu li **"min irid jimxi warajja jichad lilu nnifsu, jerfa' salibu kuljum u jimxi warajja."**

Fid-dinja ta' zminijietna meta n-nisrani jehtieglu jhabbat wiccu ma' bosta tfixkil u tfixkil gravi, kif jghidilna San Pietru li x-xitan dejjem idur madwaran biex jara lil min ser jibla', huwa jrid izomm iebes ghal dak kollu li tissugerixxilu n-natura mhassra tal-bniedem u jaghmel biss dak li jghogob lil Alla.

## IL-MAHFRA NISRANIJA…..ftit hsibijiet

Fit testment il-gdid nitghallmu li Alla huwa Missier ta' kulhadd u ghalhekk peress li ahna lkoll ahwa ghandna skop wiehed li jwassalna nahfru izjed fil-fond kull tort li jsirilna. Gesu jaghtina motivazzjoni ohra ghall-mahfra nisranija: huwa jfakkarna li ahna lkoll ahwa. Din il-fraternita' hi gejja minghand Alla, il-Missier taghna tas-sema. L-imghallem divin taghna jwissina li ahna ilkoll nigu kkunddanti minn Missierna tas-Sema, jekk ma nahfrux 'il xulxin minn qalbna. Jekk ma nahfrux lil xulxin, ahna inkunu qed nichdu l-fraternita u nqeghdu lilna nfusna 'il barra mill-familja ta' ulied Alla.

*Wahda tfajla marret ghand sacerdot u qaltlu: "L-gharus tieghi jghidli li jhobbni. Ilna flimkien ghal dawn l-ahhar tlett snin.. Kif se nkun naf li jhobbni bis-serjeta'?" Is-sacerdot wegibha u qalilha: Jekk tarah jahfirlek in-nuqqasijiet tieghek ghid li jhobbok.. U inti l-istess: thobb il gharus tieghek daqs kemm inti kapaci tahfirlu n-nuqqasijiet tieghu!"*

Nghiduha kif inhi: li tahfer mhix haga facli ghax in-natura tghidlek: patti, taqax ghal dak li jkun, tkunx paljazza ta' haddiehor." Izda minn ma jahfirx ma jafx ihobb. Barra minnhekk, min ma jafx jahfer, huwa lsira ta' l-emozzjonijiet tieghu.

Il-gest tal-mikbi Papa Giovanni Pawlu II li fuq safa' l-attent fuq hajtu, meta sparawlu, hafer l il min riedlu d-deni u aktar tard meta gie f'tieghu mar izur lil qattiel tieghu gewwa l-habs.



Biex jirnexxilek tahfer, trid tahres hafna lejn il-kurcifiss. Hu hafer lil dawk li sallbuh, anzi skuzahom quddiem il-Missier tieghu tas-sema:Missier ahfrilhom ghax ma jafux x'inhuma jaghmlu. Il-kurcifiss ghandu jkun il-ktieb ghan-nisrani. Meta thares lejh tiftakar li hu miet ghalik u ghal min offendik. Inti u min offendik tinsabu taht l-istess salib, mahsulin it-tnejn bid-demm ghaziz ta' Gesu'. Ftakar ukoll li qatt ma nistghu nghidu il-Missierna' ahfrilna dnubietna bhalma ahna nahfru lil min hu hati ghalina, jekk ahna ma nahfrux minn qalb lil min ghamlilna d-deni.

Qatt ma jista jkun li wiehed ihobb u ma jahfirx, jibza' minn Alla u ma jahfirx, irid min jahfirlu u dan ma jahfirx.
Il-Beatu Dun Gorg Preca fil-ktieb tieghu li jgib l-isem " Skola tal-Manswetudni" jikteb hekk fost affarijiet ohra:
Ahfer min qalbek u n-nida tal-grazzja mis-sema tinzel fuqek.
Tahfer lil min trid u kemm-il darba trid, dan hu xoghol id -demm u l-laham.
Tahfer u tibqa' tiftakar fl-ingurja, hija dejjem nofs mahfra.
Il-Manswet ghalhekk hu manswet ghax ihenn u jahfer.
Alla jehles lill-mansweti mill-waqghat tad-dnubiet il-mejta.
Dejjem toghgob lil Alla t-talba tal-bniedem manswet.
L-unur tal-mansweti huwa hawn, ghax jixbhu lil Alla li jhenn u jahfer.